MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta ta' l-20 ta' April, 2010

Citazzjoni Numru. 224/2010

Omers Ltd (C8233)
vs
Kummissarju tat-Taxxi Interni

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**

Rat ir-rikors ta' Omers Ltd u konfermat bil-gurament minn John C. Cooper li bih esponiet:

1. Illi Omers Ltd irceviet l-ittra ufficjali fl-ismijiet inversi kopja ta' liema giet prezentata mar-rikors bhala dokument A u qeghda taghmel l-opposizzjoni taghha ghall-istess *ai termini* tal-artikolu 466 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Illi l-pretensjoni tal-kummissarju tat-taxxa hija infondata fil-fatt u fid-dritt u l-ebda ammont ma huwa dovut kif inghad bhala likwidazzjoni finali u konklussiva ta' taxxa fuq dokumenti u trasferimenti.

3. Illi jirrizulta li Omers Ltd ittrasferiet fond residenzjali lid-direttur u azzjonist taghha John C. Cooper permezz ta’ att pubbliku datat 27 ta’ Dicembru 2000 fl-atti tan-Nutar Dr. Remigio Zammit Pace u in segwitu ghal dan it-trasferiment l-akkwirent kien ibbenefika mill-ezenzjoni fiskali relattiva *inter alia* permezz ta’ l-Avviz Legali 124/2001 (*Tax on Transfers of Dwelling Houses to Sharholders Exemption Order*, 2001) u dana peress illi l-fond in kwistjoni kien id-dar residenzjali ta’ l-istess John Cooper;

4. Illi *ai termini* ta’ dina l-esenzjoni u partikolarment ir-regolament 3(d) l-akkwirent kellu jhallas biss taxxa fuq dokument u trasferimenti bir-rata ta’ 2.50% fuq valur kalkulat *ai termini* tar-regolament 4(a) u cioe` l-prezz b’liema l-kumpanija kienet akkwistat id-dar mizjud bl-ispejjez li l-kumpanija kienet hallset ghal miljoramenti fid-dar tul iz-zmien. Dan il-valur kien wiehed matematiku li kien jirrizulta mill-applikazzjoni tal-ligi fiskali u mill-kuntratt ta’ trasferiment innifsu u ghalhekk ma kien ihalli l-ebda skop ghal xi stima mod iehor.

5. Illi fil-fatt l-akkwirent John Cooper, wara li ghamel il-kalkoli skond l-istess Avviz Legali talab rifuzjoni lill-Kummissarju permezz ta’ ittra datata 27 ta’ Lulju 2001 annessa mar-rikors u esebita bhala dokument B liema talba ta’ rifuzjoni giet accettata u l-istess rifuzjoni saret permezz ta’ cekk datat 20 ta’ Marzu 2002.

6. Illi minkejja din l-accettazzjoni u r-rifuzjoni relattiva, il-Kummissarju qieghed issa jallega li Omers Ltd ghad ghandha taxxa addizzjonali / penali xi thallas fuq l-istess dokument.

7. Illi dina l-pretensjoni hija infondata *inter alia* ghal ragunijiet fuq premessi u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Is-socjeta` rikorrenti talbet lill-Qorti:

1. Tiddikajra li t-talba tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni kif dedotta fl-ittra ufficjali premessa hija infondata; u

2. Tirrevoka u thassar l-effetti kollha tal-ittra ufficjali premessa *ai termini* ta' l-artikolu 466 tal-Kap 12 u dana salv kull provvediment iehor li jidhrilha xieraq u opportun.

Bl-ispejjez u l-ingunzjoni ta' l-intimat in subizzjoni.

Rat il-lista tad-dokumenti u l-lista tax-xhieda prezentata mis-socjeta` rikorrenti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**B. PROVI:**

Rat in-nota ta' ammissjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni:

"Li permezz taghha qieghed icedi l-pretensjoni tieghu fl-Ittra Ufficjali numru 425/2010 fl-ismijiet 'Il-Kummisasrju tat-Taxxi Interni vs Omers Limited (C8233)' u jammetti l-kawza fl-ismijiet u numru hawn fuq premessi *ai termini* ta' l-artikolu 158(2) tal-Kap 12 stante li minn verifiki ulterjuri li saru fi hdan id-Dipartiment tat-Taxxi Interni irrizulta li l-attur kien ibbenefika mill-ezenzjoni fiskali skond l-avviz legali 124/2001 (*Tax on Transfers of Dwelling Houses to Shareholders Exemption Order*, 2001) u l-ammont dovut minnu fuq it-trasferiment ta' Claughton House, Triq in-Nutar Zarb, Attard permezz ta' l-att pubbliku datat 27 ta' Dicembru 2000 fl-atti tan-Nutar Dr. Remigo Zammit Pace thallas fl-intier tieghu."

**C. KONKLUZJONIJIET:**

Illi ghalhekk fuq ammissjoni t-talbiet tas-socjeta` Omers Ltd jidhru gustifikati u l-Qorti qed tilqaghhom filwaqt li tiddikajra li t-talba tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni kif dedotta fl-ittra ufficjali premessa hija infondata u qed

tirrevoka u thassar l-effetti kollha tal-ittra ufficjali premessa *ai termini* ta' l-artikolu 466 tal-Kap 12.

Spejjez kontra l-Kummissarju tat-Taxxi Interni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------